Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

Data tal-laqgħa: 7 ta' Frar, 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Ian Spiteri – Sindku
Andrè Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmarà – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Laqgħa Numru 29

30.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tad-Disgħa u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

30.1.2 Is-Sindku Dr Ian Spiteri staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar punt 29.3.2 - ''Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li''. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kien żball min-naħa tagħha. Il-Kunsill approva li l-minuti jiġu emendati billi jitħalla barra punt 29.3.2.

30.1.3 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni oħra tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 30.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

30.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għadha qed tistenna kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Direttiva 5A/2016 – Irtirar ta' Direttiva Numru 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

30.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għadha qed tistenna direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-talba mingħand il-kumpanija GreenPak u mingħand il-kumpanija WEEE Malta sabiex il-Kunsill jidħol fi ftehim dwar ġbir ta' skart elettroniku.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill il- kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għas-sejħa ta' Kwotazzjonijiet BLCQ 3/15 – *Quotations for the Supply of floor and bathroom tiles including laying.*

30.3.1.2 Il-Kunsill irċieva żewġ (2) kwotazzjonijiet:

1. Raymond Cuschieri - €4,596.10
2. Bilom Tiles & Decor Ltd - €5,785.86

30.3.1.3 Il-Kunsill unanimament approva li jmur għall-irħas offerta ta' Raymond Cuschieri.

30.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li se jġib tliet (3) kwotazzjonijiet għas-suffetti fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.

30.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li attenda *focus work group* dwar l-Integrazzjoni ta' kulturi differnti fil-komunità. Din kienet organizzata mir-Reġjun Ċentru għas-Sindki.

30.3.4.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fit-28/01/17, flimkien mal-Kunsillier Joe Galea u s-Segretarju Eżekuttiv attendew *seminar* fejn kien hemm is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onorevoli Stefan Buontempo preżenti. Għal dan is-*seminar* kienu mistiedna il-Kunsilli li jaqgħu taħt ir-Reġjun Ċentru.

30.3.4.2 Waqt dan is-*seminar* ir-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali preżenti kellhom l-opportunità li jsemmu l-problemi li l-lokalità qed taffaċċja.

30.3.5 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fl-04/02/2017, flimkien mal-Kunsillier Daniel Muscat attendew għal Laqgħa Informattiva dwar Proġetti Kulturali għall-2017/2018 organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u l-Fondazzjoni Valletta 2018.

30.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li qed jirċievi diversi lmenti fuq boroż ta' skart li qed jinħarġu mill-Każin

tal-futbol kull nhar ta' Ġimgħa u Ħadd filgħaxija. Dawn qed jibqgħu lejl barra bil-konsegwenza li jitqattgħu mill-qtates. Il-Viċi Sindku Andre' Grech ser ikellem lill-kumitat ta' Balzan FC dwar din il-problema.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

30.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmarà infurma lill-Kunsill lihemm bżonn li jsir *patching* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima qabel ma' ddur għal Vjal il-Bon Pastur.

30.4.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmarà infurma lill-Kunsill li s-Sur Borg li joqgħod Villa Agnes fi Triq Birbal infurmah li hu ma jaqbilx mal-proġett ta' parkeġġ li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jagħmel fl-għalqa ta' Wesgħa Prof. Guze Aquilina.

30.4.3.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmarà infurma lill-Kunsill li fl-għalqa ta' Wesgħa Prof. Guze Aquilina hemm siġar velenużi li qed jostakolaw il-bankina.

30.4.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-*Joint Office* diġà ġew infurmati sabiex dawn is-siġar jitneħħew.

30.4.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmarà infurma lill-Kunsill li ta' kuljum qed ikun hemm karozzi pparkjati fuq il-bankina ta' quddiem Kola Store fi Pjazza Bertu Fenech.

30.4.4.2 Il-Viċi Sindku Andrè Grech ħareġ bl-idea li jsiru 2 bankijiet u qsari fuq il-bankina sabiex nevitaw li l-karozzi jitilgħu jipparkjaw fuq il-bankina.

30.4.4.3 Il-Kunsill qabel ma' din l-idea. Il-Kunsill se jara tistax titwettaq aktar il'quddiem.

30.4.5.1 Il-Kunsillier Joe Galea staqsa jekk il-Kunsill ħariġx xi flus sabiex saru l-*culverts* il-ġodda fil-pjazza.

30.4.5.2 Il-Viċi Sindku Andrè Grech infurma lill-Kunsill li dawn ix-xogħlijiet saru mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura.

30.4.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ma ħareġ l-ebda flus sabiex isiru x-xogħlijiet.

30.4.6.1 Il-Viċi Sindku Andrè infurma lill-Kunsill li l-perit li qed jipprepara l-pjanti għal proġett ta' l-ERDF se jibgħat stima ta' kemm tiġi tiswa l-ispiża biex issir l-applikazzjoni mal-Planning Authority.

30.4.7.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippropona li l-gabbani li jarmaw fil-pjazza fi żmien il-festa jitneħħew u jibdew jarmaw kollha fi Triq Guze Bonnici.

30.4.7.2 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u se tiġi diskussa fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

30.4.8 Il-Viċi Sindku Andrè Grech infurma lill-Kunsill li l-*mobile app* tal-*Heritage Trail* ta' Ħal Balzan lesta u kull ma' jonqos li jinħareġ il-permess mill-Android u l-iOS sabiex l-*app* tidher *online.*

30.4.9 Il-Kunsillier Daniel Muscat staqsa jekk tistax issir Merħba *locality sign* fejn l-akwadott fi Triq l-Imdina eżatt fejn hemm ta' Birkirkara. Is-Segretarju Eżekuttiv se tistaqsi lil min jieħu ħsiebhom jekk dan hux possibbli.

30.4.10.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat ġibed l-attenzjoni li fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Kbira hemm fanal mill-antiki li baqa' ma tneħħiex minn meta sara l-lanterni dekorattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinfurma l-kuntrattur sabiex jitneħħa.

30.4.10.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li x-*shade* li fih dan il-fanal jitwaħħal ma' bozza li hemm imwaħħla ma' 23, Exotique, Triq Sir Antonio Micallef. Il-Kunsill approva li jsir dan.

30.4.11 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li l-fuljett se jkun lest din il-ġimgħa.

## 30.5 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju minn 01/01/2016 sa 30/09/2016

30.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju minn 01/01/2016 sa 30/09/2016 kif emendat wara li sar l-*Interim Audit* (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono ta l-kummenti tiegħu dwar l-aġġustamenti li kellhom isiru.

30.5.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament u tmien (8) kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 30.6 Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2016 u Rapport Finanzjarju għas-sena 2016

30.6.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2016 (anness).

30.6.1.2 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

30.6.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2016. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (anness). L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti.

30.6.2.2 Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2016 ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett

## 30.7 Pjan ta’ Ħidma għat-tlett snin 2017 – 2019

30.7.1 Il-Pjan ta’ Ħidma għat-tlett snin 2017-2019 tqiegħed fuq il-mejda (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

30.7.2 Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`, il-Kunsill unanimament approva l-Pjan ta’ Ħidma għat-tlett snin 2017-2019.

## 30.8 Approvazzjoni tar-rapporti ta’ evalwazzjoni tat-Tenders

30.8.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport tal-evalwazzjoni tat-*Tender for Services of Handyman for the Ħal Balzan Local Council* - BLC 02/2016. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

30.8.1.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

F’dan il-ħin (6.15pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.30pm.

30.8.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li r-rapport tal-evalwazzjoni tat-*Tender for Street Sweeping and Cleaning in an Environmentally Friendly manner for the Ħal Balzan Local Council* - BLC 01/2016 se jkun lest għada 08/02/2017.

30.8.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill sabiex dan ir-rapport jiġi approvat mill-aktar fis possibli biex tkun tista’ tkompli l-proċess.

30.8.2.3 Ġie deċiż li l-laqgħa urġenti ssir nhar it-Tlieta, 14 ta’ Frar 2017 fit-8.30am.

## 30.9 Sejħa għall-Kwotazzjonijiet: *Supply of Cold Asphalt* u Ħatra tal-bord ta’ l-evalwazzjoni

30.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wasal iż-żmien biex tinħareġ sejħa għall-Kwotazzjonijiet: *Supply of Cold Asphalt*. Il-Kunsill unanimament approva sabiex jibda l-proċess.

30.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jinħatar il-bord ta’ l-evalwazzjoni għal din is-sejħa li se tinħareġ bis-sistema tal-ePPS aktar tard din is-sena.

30.9.3 Ġie deċiż li l-iskrivana Mariella Casha u l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ se joqgħodu *Opening Staff*.

30.9.4 Il-Bord ta’ l-evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:

Is-Sindku Ian Spiteri, il-Viċi Sindku Andre’ Grech u l-Kunsillier Joe Galea se jkollhom ir-rwol ta’ *Evaluating Staff* u
il-Kunsillier Daniel Muscat se jkollu r-rwol ta’ *Chairperson* tal-bord ta’ l-evalwazzjoni sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

## 30.10 Proċedura għal applikazzjonijiet biex tiġi amministrata Proprjetà Pubblika

30.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Policy Document* dwar Devoluzzjoni Lokali u l-Proċedura għal Applikazzjonijiet biex tiġi amministrata Proprjetà Pubblika.

30.10.2 Is-Sindku Dr Ian Spiteri wera x-xewqa li l-Kunsill japplika biex art f’Wesgħa Prof. Guze Aquilina tiġi devoluta lill-Kunsill u tiġi mibdula f’parkeġġ.

30.10.3 Fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Spiteri, il-Kunsill unanimament approva li jibda’ l-proċess biex issir applikazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex art f’Wesgħa Prof. Guze Aquilina tkun amministrata mill-Kunsill u tiġi rranġata u użata bħala parkeġġ pubbliku.

## 30.11 Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Immaniġjar tat-Traffiku fil-lokalità

30.11.1 Il-Viċi Sindku Andre’ Grech infurma lill-Kunsill li l-Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Immaniġġjar tat-Traffiku fil-lokalità se ssir fis-Sala Aurora, nhar l-Erbgħa 22 ta’ Frar 2017 fis-7:00pm.

30.11.2 Waqt il-Konsultazzjoni Pubblika, il-Viċi Sindku se jintroduċi l-proġett. L-idea ta’ dan il-proġett hi li l-ebda triq f’Ħal Balzan ma tkun użata biex jiġi evitat it-traffiku li jsibu f’lokalitajiet oħra. Preżenti ser ikun hemm il-konsulent fejn ser jagħti spjegazzjoni ta’ kif qed jiġi propost. Ir-residenti preżenti se jkollhom l-opportunità sabiex jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom.

30.11.3 Ġie deċiż li jkun hemm perjodu ta’ tliet (3) xhur biex ir-residenti jissottomettu s-suġġerimenti tagħhom bil-miktub.

30.11.4 Wara dan il-perjodu, jiġi ppreparat rapport, fejn is-suġġerimenti kollha jiġu kkunsidrati. Dan ir-rapport flimkien mal-proposta finali jiġu ppreżentati lir-residenti, fejn fl-aħħar jiġi deċiż jekk il-proposta finali tiġix attwata.

## 30.12 Ilmenti u *Items* oħra ta’ xogħol ieħor

30.12.1 Ġiet innutata Ċirkulari 5/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Skema Attivitajiet Kulturali mibgħuta mid-Dipartiment għall Gvern Lokali. Il-Kunsill unanimanent qabel li japplika għal din l-għajnuna biex f'Ġunju 2017 terġa' tiġi organizzata l-*Balzan Arts and Music Festival* .

30.12.2 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 6/2017 – *Allowance* lill-Kunsilliera mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

30.12.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet *email* għan-nom tas-Sur Joseph Gauci, Direttur Eżekuttiv ta' KSI Malta, fejn qed jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill biex tiġi diskuss l-kwistjoni li tikkonċerna l-parkeġġ fi Triq l-Imdina.

30.12.3.2 Ġie deċiż li, jiltaqa' mas-Sur Gauci wara li tinqata' l-kawża ta' appell li hemm mal-MEPA, kontra l-*Enforcement* dwar dan l-iżvilupp. Dan peress li s-Segretarju Eżekuttiv ġiet imħarrka biex titla' tixhed quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fuq dan il-każ.

30.12.4 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda tal-marki tal-kandidati li ġew imsejjħa għat-tieni (2) intervista għall-post ta' skrivan fuq bażi ta' *part-time* (mehmuża). Il-Kunsill unanimament approva li s-Sur Lawrence Pace jiġi impjegat bħala skrivan (*back-to-back* ma' Doriette Farrugia) fuq bażi ta' *part-time* mit-13 ta' Frar 2017 peress li ġab iktar marki mill-kandidata l-oħra.

## 30.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 2/17 li ġġib id-data ta' l-7 ta' Frar 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 22,033.50.

30.13.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 30.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.14.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45pm.

30.14.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 9 ta' Marzu 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 9 ta' Marzu 2017.

IFFIRMATA

Dr Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv